MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 23/2009/1

**Seduta tal-24 ta' Gunju 2015**

**Appell Numru: 23/2009**

**BERNICE CALLEJA**

**Vs**

**JESMOND ATTARD**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-Rikorsipprezentat minn Bernice Calleja fit-13 ta' Jannar 2009 permezz ta' liema titlob li Jesmond Attard jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) rapprezentanti sehemha mill-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra Jesmond Attard;*

*Rat ir-Risposta pprezentata minn Jesmond Attard permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-attrici u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu kif johrog bl-iktar mod car mill-kuntratt ta' separazzjoni bonarja, iffirmat mill-partijiet kontendenti debitament assisstiti mill-konsulenti legali taghhom, l-attrici hadet sehemha kollu mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ma ghandha dritt tircievi xejn iktar minghandu;*

*Semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Edward Gatt[1] u ta' l-attrici[2] moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009, ix-xhieda tan-Nutar Reuben Debono[3], ta' Audrey Ghigo[4] u tal-konvenut[5] moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2009 u rat id-dokument esebit min-Nutar Reuben Debono markat Dok. "RD" a fol. 24 sa' 26 tal-process u d-dokumenti esebiti minn Audrey Ghigo markati Dok."AG1" sa' Dok." AG7" a fol. 29 sa' 44 tal-process, u semghet ix-xhieda ta' Jason Gatt, rapprezentant ta' HSBC Life Assurance (Malta) Limited, moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2011[6] u rat id-dokument Dok. "JG1" minnu esebit a fol. 72 tal-process;*

*Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur ta' l-attrici li rrimetta ruhu ghall-atti tal-kawza;*

*Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;*

*Ikkunsidrat:*

---

[1] Fol. 11 u 12 tal-process.

[2] Fol. 13 u 14 tal-process.

[3] Fol. 22 u 23 tal-process.

[4] Fol. 27 u 28 tal-process.

[5] Fol. 45 u 46 tal-process.

[6] Fol. 73 tal-process.

*Bil-proceduri odjerni l-attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €6,000 rapprezentanti sehemha mill-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet ezistenti bejniethom. Il-konvenut jikkontesta t-talba attrici in bazi ghall-eccezzjoni li, kif johrog car mill-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat minnhom bl-assistenza ta' l-Avukati taghhom, l-attrici hadet semeha mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ma ghandha dritt tircievi xejn iktar minghandu.*

*Mix-xhieda ta' l-attrici jirrizulta li s-somma ta' €6,000 minnha pretiza minghand il-konvenut tirrapprezenta nofs l-ammont ta' flus depozitati fil-Bank HSBC f'zewg kontijiet maghrufa bhala private retirement plan u RSF, liema kontijiet skontha kienu infethu u l-flus relattivi saru u gew depozitati waqt iz-zwieg. Fir-rigward ta' dan l-ammont ta' flus l-attrici tiddikjara li dawn kienu depozitati fil-Bank HSBC. Kellna kont maghruf bhala "private retirement plan" u kont iehor maghruf bhala "RSF". Bejniethom kien hemm tnax-il elf euros. Il-flus saru waqt iz-zwieg. Qabel ma morna ghall-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jiena u l-konvenut morna l-bank u tlabna li niritraw il-flus f'dawn il-kontijiet, izda l-iskrivan tal-bank qalilna li biex naghmlu hekk l-ewwel kellna ngibu l-kuntratt ta' separazzjoni. Dakinhar konna miftehmin li niltaqghu ma' l-avukati hdejn l-ufficini tal-Vodafone u wara l-bank jiena u l-konvenut morna hemmhekk fejn iltaqjna ma' l-avukat Edward Gatt. L-avukat Kenneth Grima ma kienx ghadu gie. Jiena ghidt lill-avukat Gatt dak li qaluli l-bank u kemm jiena u kemm Jesmond il-konvenut accettajna li naghmlu l-kuntratt u mbaghad wara immorru l-bank u nirtiraw il-flus. Morna fl-ufficcju tan-nutar fejn hemmhekk iltqajna ma' l-avukat Grima. Fil-presenza tieghu wkoll tkellimna fuq dak illi gara l-bank u ergajna ftehmna illi naghmlu l-kuntratt, imbaghad naqsmu l-flus. Il-kuntratt gie ffirmat. Xi zmien wara cempilt lill-konvenut sabiex inkellmu fuq it-tifla u waqt li kont qed inkellmu semmejtlu l-proceduri li kellna naghmlu l-bank. Fil-fatt iltqajna, morna l-bank u ghamilna xi dokumenti fejn irrangajna l-ismijiet u biddilna l-indirizzi u meta gejna ghall-flus u saqsejtu biex niehu sehemi l-konvenut irrifjuta u ghamilli referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni fejn iddikjarajna li kulhadd ha sehemu u qalli li ma kien se jaghtini xejn. Mort ghand l-avukat u naf illi saret ittra legali, izda l-konvenut xorta rrifjuta. Kull meta niltaqa' mieghu minn fuq joghqod jghajjarni u jghidli li dawk kienu flusu*[7].

*Il-konvenut jaghti versjoni tal-fatti kemm xejn differenti minn dik moghtija mill-attrici u jghid li nikkonferma li qabel ma sseparajt jiena u*

[7] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009, fol. 13 u 14 tal-process.

*l-mara kellna private retirement plan u regular savings facility, it-tnejn ma' l-HSBC. Iz-zewg kontijiet saru a beneficcju tat-tifel taghna. Qabel ma morna ghand in-nutar sabiex nirredigu l-kuntratt li ghadu kemm gie esebit illum, jiena u Bernice Attard morna l-bank, dana sabiex naraw kif se titkompla tithallas il-loan. Peress li kont inhallasha dejjem jien morna l-bank ghaliex dak li fadal jinqasam bejn tnejn u thallas ukoll Bernice. Peress li wahda mill-kundizzjonijiet tas-self hija li taghmel assikurazzjoni fuq il-hajja u l-assikurazzjoni kienet fuqi biss, allura l-bank kien talab lil Bernice li taghmel assikurazzjoni fuq hajjitha halli parti mill-loan tkun tista' ddur fuqha. Bernice ma ridietx u ghalhekk tlaqna 'l barra. Mistoqsi jekk tkellimniex fuq il-private retirement plan u s-savings plan li ghamilna fuq isem it-tifel, nghid li fuq dawn it-tnejn ma tkellimna xejn. Jiena kont ftiehmt ma' l-attrici illi peress li qabel iz-zwieg jiena kont hallast il-loan wahdi tal-post, almenu jiena ppretendejt li niehu nofshom u l-attrici kienet qablet. Jiena ftiehmt ma' l-attrici li l-ammont li jiena hallast ghall-loan qabel iz-zwieg jigi pacut maz-zewg kontijiet li ghadni kemm semmejt li ftahna a beneficcju tat-tifel. Mistoqsi l-ghaliex dan l-arrangament ma tnizzilx fil-kuntratt, nghid li jiena l-kuntratt rredigieh l-avukat Gatt però kont ghidt lill-avukat tieghi b'dan il-ftehim u ghalhekk nizzilna ghas-saldu. Jiena kont qed nippretendi li dak li hallast qabel iz-zwieg kelli niehu hamest elef lira, izda dan l-arrangament li ghamilt ma' l-attrici ma nizzilniehx fuq il-kuntratt, ghad illi lill-avukat kont semmejtlu li kelli dan l-arrangament u li kont ftehmt maghha. Oltre dawk il-hamest elef lira kien hemm tmin mitt lira bolla u kien hemm ukoll tlett mitt lira tas-sensar li kollha hrigthom jien li wkoll ma ssemmewx*[8].

*Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju 'actor non probante, reus absolvitur'*[9] *u f'kaz li l-allegat debitur jivvanta l-pagament – f'dan il-kaz il-pretensjoni tal-konvenut li l-attrici thallset a saldu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat 8 ta' Ottubru 2008 – ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonveoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa' l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti*

---

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2009, fol. 45 u 46 tal-process.

[9] Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.

*rispettivament lilhom, cioè l-attur l-esigibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera il-principju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in excipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*[10]*.*

*Minn dawn il-principji guridici johrog ferm car ghalhekk li fil-kaz in ezami l-oneru tal-prova tal-kreditu favur taghha, jinkombi principlament fuq l-attrici.*

*In sostenn ta' dak minnha pretiz fil-konfront tal-konvenut l-attrici ressqet, fost ohrajn, bhala xhud lill-Avukat Dottor Edward Gatt, li kien l-avukat li assisstiha waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni. Waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009*[11] *l-Avukat Edward Gatt xehed illi l-partijiet huma konjugi u kienu qeghdin f'proceduri ta' separazzjoni. Iddiskutejna proposta ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja u wasalna fi ftehim. Il-kuntratt sar ghand in-Nutar Reuben Debono. Fil-kuntratt kien hemm klawsola illi tghid li l-partijiet kienu qasmu l-flus illi kellhom il-bank. Filghodu stess dakinhar tal-kuntratt jiena kont tajt istruzzjonijiet lill-attrici biex flimkien ma' zewgha jmorru l-bank jirtiraw il-flus li kien hemm fil-kont komuni u jaqsmu l-flus. Qabel ma marru però l-attrici kienet qaltli li l-Bank kienu riedu illi l-ewwel jigi ffirmat il-kuntratt, imbaghad jaqsmulhom il-flus. Jiena spjegat il-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni lill-attrici però z-zewg partijiet qaluli illi huma kienu lesti li jiffirmaw il-kuntratt, imbaghad wara jmorru bih ghand il-Bank u jaqsmu l-flus. Il-kuntratt gie iffirmat dakinhar stess, izda xi tlett gimghat wara giet l-attrici ghandi u qaltli li meta qalet lill-konvenut sabiex imorru l-Bank u jirtiraw il-flus il-konvenut irrifjuta. Jiena ktibt ittra legali izda rcevejt ittra minghand l-avukat tal-konvenut fejn dan ghamilli referenza ghal klawsola fil-kuntratt u qalli illi b'dik id-dikjarazzjoni l-konvenut qeda l-obbligazzjonijiet tieghu u ma kienx se jaghti flus aktar. Ghalhekk jiena tajt parir lill-attrici illi ghandha tinfetah din il-kawza u hekk ghamilna.*

*Nonostante dak dikjarat mill-Avukat Edward Gatt waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009, il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova*

---

[10] Miller Distributors Limited v. Multi Toys Limited, Appell Civili Nru. 1539/99, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru 2002.

[11] Fol. 11 u 12 tal-process.

*b'mod sodisfacenti l-pretensjoni taghha fil-konfront tal-konvenut u cioè li fiz-zmien tas-separazzjoni kien hemm kontijiet bankarji komuni li l-flus depozitati fihom kellhom jinqasmu bejniethom wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni. Konsegwentement ghalhekk ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti l-esigibilità tal-kreditu minnha pretiz fil-konfront tal-konvenut.*

*Skond l-attrici l-kontijiet bankarji komuni bejnha u l-konvenut li l-flus depozitati fihom ghandhom jinqasmu bejniethom huma kont private retirement plan u kont iehor regular savings facility mal-Bank HSBC, izda mill-provi minnha prodotti dwar dan it-tip ta' kontijiet irrizultaw zewg kontijiet f'isem il-konvenut biss u mhux f'isimhom it-tnejn. Mix-xhieda ta' Audrey Ghigo, rapprezentant ta' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c., moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011*[12] *jirrizulta li kontijiet private retirement plan jaqghu taht is-socjetà HSBC Life Assurance Limited u mix-xhieda tar-rapprezentant ta' din l-ahhar socjetà, ossia Jason Gatt, jirrizulta li l-kontijiet ezistenti maghha huma f'isem Jesmond Attard biss. Jason Gatt fil-fatt xehed illi mir-ricerka li ghamilt jirrizulta illi f'isem Jesmond Attard hemm zewg policies li t-tnejn huma "life policies". Ippreparajt dokument bid-dettalji ta' dawn iz-zewg policies liema dokument qed jigi prezentat u mmarkat Dok. "JG1". Fir-rigward ta' dawn iz-zewg policies kif gja ghedt id-dettalji jinsabu fid-dokument illi ppreparajt. Li rrid nghid huwa li fil-polza li nharget fl-24 ta' Frar 2004 parti minnha gja giet msarrfa u dan fil-valur ta' €2,200. Iz-zewg poloz bhal'issa mhumiex qed jithallsu. Fuq il-polza li nharget fl-2004 hemm dak li ahna nghidulu premium holiday bejn Ottubru 2010 u Ottubru 2015 u fuq il-polza l-ohra li nharget fl-2010 hemm premium holiday bejn Dicembru 2010 u Dicembru 2015. Qed nigi mistoqsi jekk jirrizultax min gibed il-€2,200 nghid li din l-informazzjoni m'ghandix. Madanakollu dana l-ammont seta' jingibed biss f'isem min qeghdha l-polza u dawn il-poloz qed ikunu f'isem il-konvenut Jesmond Attard*[13]*.*

*Ma hemmx dubju li fuq il-kont li nfetah f'isem il-konvenut fit-8 ta' Ottubru 2010, ossia zmien wara s-separazzjoni bejnu u l-attrici, l-istess attrici ma tista' tivvanta ebda pretensjonijiet fil-konfront tieghu. Fir-rigward tal-kont l-iehor huwa veru li dan infetah fl-24 ta' Frar 2004, jigifieri fiz-zmien meta l-attrici u l-konvenut kienu ghadhom mizzewgin, izda dan il-kont huwa f'isem il-konvenut biss u mhux f'isimhom it-tnejn. Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009, l-attrici ddikjarat li*

---

[12] Fol. 67 tal-process.

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2011, fol. 73 tal-process.

*l-kuntratt gie ffirmat. Xi zmien wara cemplit lill-konvenut sabiex inkellmu fuq it-tifla u waqt li kont qed inkellmu semmejtlu l-proceduri li kellna naghmlu l-bank. Fil-fatt iltaqjna, morna l-bank u ghamilna xi dokumenti fejn irrangajna l-ismijiet u biddilna l-indirizzi u meta gejna ghall-flus u saqsejtu biex niehu sehemi l-konvenut irrifjuta u ghamilli referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni fejn iddikjarajna li kulhadd ha sehemu u qalli li ma kien se jaghtini xejn*[14]*. Ghalkemm dak affermat mill-attrici jista' jidher bhala spjega tar-raguni ghalfejn il-private retirement plan li nfetah fl-24 ta' Frar 2004 huwa f'isem il-konvenut biss, hemm zewg fatturi li jimpingu fuq il-validità u l-verosimiljanza ta' tali spjega.*

*L-ewwelnett mix-xhieda ta' Jason Gatt, rapprezentant ta' l-HSBC Life Assurance (Malta) Limited, ma jirrizultax jekk il-kont in kwistjoni kienx originarjament f'isem l-attrici u l-konvenut u kien biss fi zmien jew wara t-8 ta' Ottubru 2008, id-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, li nqaleb f'isem il-konvenut biss. Kullma jirrizulta mix-xhieda tieghu u mid-dokument Dok. "JC1" minnu esebit huwa l-kont li nfetah fl-24 ta' Frar 2004 huwa f'isem il-konvenut Jesmond Attard biss. Fit-tieni lok hemm l-affermazzjoni tal-konvenut li hu u l-attrici kienu ftehmu li l-flus depozitati fil-kontijiet private retirement plan u s-savings plan kellhom jghaddu kollha favur tieghu biex jaghmlu tajjeb ghall-hlasijiet li huwa effettwa versu is-self li hu u l-attrici kienu hadu minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c.*

*Mir-rendikonti tal-loans tal-partijiet kontendenti ma' l-HSBC Bank esebiti minn Audrey Ghigo bhala Dok. "AG6" u Dok. "AG7" a fol. 35 sa' 44 tal-process, jirrizulta li in kwantu rigward il-kont bin-numru 13706435 il-hlasijiet bejn it-28 ta' Jannar 2005 u id-29 ta' Settembru 2008, l-ahhar pagament qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, gew effettwati kollha mill-kont bin-numru 27023530001. Bl-istess mod, fir-rigward tal-kont bin-numru 18001401 il-hlasijiet bejn l-20 ta' April 2005 u l-20 ta' Settembru 2008, l-ahhar pagament qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, gew effettwati mill-kont bin-numru 27023530001. Mid-dokument Dok. "AG4" esebit minn Audrey Ghigo a fol. 32 tal-process jirrizulta li l-kont bin-numru 27023530001 huwa fil-fatt il-kont bankarju tal-konvenut u ghalhekk jirrizulta li ghal perijodu twil ta' zmien il-konvenut wahdu kien qed jaghmel tajjeb ghas-self li hu u l-attrici kienu hadu flimkien minghand l-HSBC Bank. Fid-dawl ta' dan huwa ferm plawsibbli li mas-separazzjoni ntlahaq ftehim bejn l-attrici u l-konvenut li sehem l-attrici minn dawk il-hlasijiet jigi pacut bi flejjes ohra li kellhom in komun bejniethom, f'dan il-kaz il-flus*

[14] Fol. 14 tal-process.

*depozitati fil-kontijiet private retirement plan u savings plan, u b'hekk dawn il-flus jghaddu bi hlas f'isem il-konvenut.*

*Konferma tal-fatt li l-fatti sehhew kif spjegat mill-konvenut u mhux kif affermat mill-attrici tirrizulta mill-Klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni li tipprovdi li kull parti zzomm l-ammonti kollha ddepositati f'isimha fil-banek lokali jew f'entitajiet ohra finanzjarji li jkunu jezistu dakinhar li jigi ffirmat dan il-ftehim*[15]*.*

*Fattur iehor li serjament jimpingi fuq il-pretensjoni ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut hija d-dikjarazzjoni kontenuta fil-Klawsola 14 tal-kuntratt ta' separazzjoni u cioè li salv il-premess il-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin. Il-Qorti ssibha ferm difficili temmen li l-attrici kienet tkun disposta tiffirma ghal tali dikjarazzjoni kieku verament kien ghad fadlilha xi pretensjoni fil-konfront tal-konvenut kif issa minnha pretiz f'dawn il-proceduri. Kieku verament kien hemm ftehim bejna u l-konvenut li l-flus depozitati fil-kontijiet private retirement plan u savings plan jinqasmu bejniethom wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-iktar haga logika u ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet kontraenti, partikolarment fid-dawl ta' l-allegazzjoni ta' l-attrici li l-Bank ried li l-kuntratt ta' separazzjoni jigi konkluz qabel ma jinqasmu l-flus, kienet tkun li tali arrangement jigi espressament imnizzel fil-kuntratt ta' separazzjoni u mhux ma jissemma assolutament xejn fir-rigward.*

*Huma principji assodati fis-sistema guridika nostrali li meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk m'ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali*[16] *u li l-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali*[17]*.*

[15] Dok. "RD" a fol. 24 sa' 26 tal-process.

[16] Farrugia v. Piscopo, Appell, deciza fil-31 ta' Mejju 1943, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXXI – I – 627 u Alfrida Borg et v. Carmen Camilleri et, Citaz. Nru. 1752/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2001.

[17] Alfrida Borg et v. Carmen Camilleri et, Citaz. Nru. 1752/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2001.

*Fil-kaz in ezami l-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ghandha tiddipartixxi minn dawn principji u fid-dawl ta' dak kollu li rrizulta mill-provi prodotti quddiemha, ma hijiex affattu konvinta li hemm xi ftehim iehor bejn il-partijiet kontendenti dwar qsim ta' flus li ghal xi raguni thalla barra mill-kuntratt ta' separazzjoni. Fi ftit kliem il-Qorti ma hijiex affattu konvinta - u dana peress illi ma tressqux provi sodisfacenti fir-rigward - li l-attrici hija kreditrici tal-konvenut versu l-ammont ta' €6,000 u ghaldaqstant fil-fehma Taghha t-talba attrici ma tisthoqqx li tigi milqugha.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talba attrici.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici."*

Illi aggravata b'dina id-decizjoni l-appellanti tressaq l-appell odjern fejn tilmenta essenzjalment mill-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha li fil-fehma taghha kienu jaghtu xhieda tat-trattativi diskussi bejn il-partijiet qabel ma gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom. Hija tishaq illi ghalkemm fil-kuntratt ma giex indikat illi kien ghad fadal xi pendenzi bejnha u bejn zewgha fir-rigward tal-kontijiet bankarji formanti parti mill-komunjoni ta'l-akkwisti gja ezistenti bejniethom, madanakollu huma kienu qabblu, u dana fil-presenza tal-legali taghha Dr. Edward Gatt, qabel l-iffirmar tal-kuntratt illi kien ghad hemm xi flus li kienu ser jinqassmu wara. Dawn il-kontijiet kienu konsistenti f'private retirement plan u RSF (regular savings facility) mal-bank HSBC Bank (Malta), fejn sehma kien jammonta ghal €6000. Dan sehh, tistqarr, ghaliex il-bank ma riedx jaqsam il-flus li kien ghad fadal pendenti fil-kontijiet bankarji rispettivi taghhom qabel ma tkun konkluza is-separazzjoni bonarja. Illi l-intimat appellat jichad dan kollu u minn naha tieghu jishaq illi ma kienx hemm kontijiet pendenti bejniethom wara li gie iffirmat il-kuntratt u li l-flus li hemm f'ismu depozitati l-bank jappartjenu lilu.

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata ghandu johrog illi l-Ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat u dettaljat tal-provi li kellha quddiemha fid-dawl tal-fatt illi kien hemm zewg verzjonijiet kompletament opposti ghal xulxin. Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr li ma tista issib xejn x’ticcensura fid-deliberazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti billi fiha hemm ezami dettaljati tal-kontijiet kollha bankarji li kien hemm f’isem il-partijiet mal-mument tas-separazzjoni u anke qabel. Illi l-appellanti donnha tippretendi illi ix-xhieda tal-legali taghha wahedha tista’ taghti verosimiljanza lill-verzjoni taghha, izda dina x-xhieda hija biss riflessjoni ta’ diskors li seta’ intqal bejn il-partijiet qabel ma gie iffirmat l-kuntratt u fiha ma hemm l-ebda prova konkreta dwar il-kontijiet individwali li taghhom l-attrici qed tippretendi issa sehma. Kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti huwa kemmxejn inverosimili kif l-appellanti naqqset milli tinsisti illi sehem sostanzjali taghha mill-komunjoni ma jigix imnizzel fil-kuntratt ta’ separazzjoni, sehem li kien jammonta ghal xejn inqas minn €6000. Illi li kieku *gratia argomenti* kellha titwemmen il-verzjoni taghha, allura dina l-Qorti tara illi kien nuqqas serju da parti taghha illi tasal sabiex tillikwida l-komunjoni ta’l-akkwisti bejnha u bejn zewgha fejn tiddikjara espressament li ma fadlilha l-ebda pretensjoni fir-rigward u anke taghti l-kwittanza skont il-ligi, minghajr ma tindika illi kien ghad fadal bilanc lilha dovut ta’ €6000.

Illi ghalkemm il-gurisprudenza ammettiet matul iz-zmien eccezzjonijiet ghar-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali, madanakollu din il-Qorti ma tirravviza l-ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi elenkati superjorment fis-sentenza “Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et” (26 ta’ Mejju 1952 – Appell – Vol XXXVIB.I.119), li tista’ issib applikazzjoni ghal kaz in dizamina:

“**Illi r-regola ‘*contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*’ mhix assoluta, u ssofri eccezzjoni f’certi kazi, kif gie mfisser fis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-12**

**ta' Marzu in re 'Blackman vs Apap Bologna'. Il-principji li jirregolaw din il-materja skond il-gurisprudenza l-aktar ricenti huma dawn li gejjin:**

1. **Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk m'ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re 'Farrugia vs Piscopo', Kollez Vol XXXI.I.pg 627).**
2. **Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu dilucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car (Appell 26 ta' Mejju in re 'Attard vs Mamo', Kollez Vol XXXI.I.pg 441).**
3. **Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabli ma l-att (App 17 ta' Jannar 1917, in re 'Muscat vs Fiteni', Kollez Vol XXIII.I.780; Prim' Awla 27 ta' Jannar 1937 in re 'Mifsud vs Mifsud', Kollezz XXIX.II.1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re 'Rizzo vs Anastasi');**
4. **Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali'**.

Illi minn ezami akkurat tal-atti istruttorji u senjalatament tal-kuntratt tas-separazzjoni referibbilment ghal klawsola tmienja tal-kuntratt, ma jidhirx illi kien hemm xi disposizzjoni ambigwa jew oskura tali li tirrikjedi xi prova ulterjuri ghall-interpretazzjoni ta'l-istess. Lanqas ma jirrizulta xi zball manifest fil-kuntratt jew inkella xi ommissjoni voluta u intenzjonata fil-ftehim, ghal xi raguni specjali. Dan ifisser allura illi f'cirkostanzi simili ma hijiex ammessa prova kuntrarja ghal dak pattwit bil-miktub u imfisser car fil-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet fil-presenza tal-konsulenti legali taghhom,

iktar u iktar meta kien hemm klawsola cara u espressa dwar kif kellhom jinqassmu l-assi fil-kontijiet bankarji rispettivi taghhom.

Fuq kollox "*kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16*[18]*.*"

Ghaldaqstant din il-Qorti ma issib l-ebda raguni la fattwali u lanqas legali 'il ghala ghandha tiddipartixxi mir-ragjonament maghmul mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ikunu ghak-karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[18] Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci – App. Sup. 29/10/2004